KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

Minuti tal-Laqgħa Nru 6 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Hamis, 24ta' Mejju 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija .
Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 7.55p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 7.30p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.15p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | 7.30p.m. | 8.35p.m. |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.35p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45p.m. | 10.10p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30p.m.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku Dott. Shirley Farrugia introduċiet lis-Sur John J. Camilleri bħala l-Aġent Segretarju Eżekuttiv l-ġdid għal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Hija qalet li għall-ewwel is-Sur Camilleri kien ser jibqa bħala Segretarju Eżekkuttiv tal-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar ukoll sakemm jinħatar Segretarju Eżekkuttiv ieħor f'dik il-lokalita'. Filwaqt li s-Sindku awgurat lis-Sur Camilleri hija qalet li s-Sur Camilleri kien diġa għamel żmien bħala Segretarju Eżekuttiv ta' dan il-Kunsill u għalhekk ma' kellux bżonn ta' introduzjoni ma' bosta mill-Kunsilliera preżenti.

Il-Viċi-Sindku, s-Sur Joe Demartino ta' merħba lis-Sur Camilleri u qal li kien ferħan li s-Sur Camilleri kien qed jerġa lura fil-Kunsill Lokali tal-Mosta għaliex b'hekk kienet qed issir ġustizzja miegħu wara li huwa kien tneħħa min Segretarju Eżekuttiv inġustament mill-Kunsill Lokali preċedenti.

Is-Sur John J. Camilleri irringrazja lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha għal din il-merħba u wiegħed li filwaqt li huwa xtaq li jinsa u jahfer dak li sar miegħu fil-passat, huwa kien ser jagħmel ħiltu kollha sabiex jara li l-Kunsill Lokali tal-Mosta jimxi l-quddiem u jkun ta' ġid għar-residenti Mostin kollha.

Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua staqsiet jekk s-Sur Philip Borg kienx tkeċċa min Agent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku wieġbet li kien d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li jiddeċiedi dwar il-ħatra u tneħħija ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**1.0 Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.5 ġew approvati wara li saru dawn il-korrrezzjonijiet;

1.01 F'paragrafu t-tieni tal-*item* Nru.4.07 – Applikazzjoni mill-Mosta Libertas. Żdiedu l-kliem **"jikkollabora ma' A S Libertas"** minflok il kelma **"jgħin"**.

1.02 Fis-sitt paragrafu tal-*item* Nru. 7.01 – KLM 03/2011. Wara il-kliem **"Hawn saret diskussjoni."** daħlet is-sentenza **"Is-Sur Alex Muscat qal li dan il-*handyman*, Marco Briffa kien jiswa lill-Kunsill 2% biss tal-allokazjoni. Dott. Tua qalet li l-Mosta ser ikun wieħed mill-Kunsilli kbar li ser ikollu *handyman* wieħed biss."**

1.03 Fil-paragrafu 9.01 fl-ewwel sentenza inbidel l-isem **"Joe Galea"** u sar **"Ray Abela"**.

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.01** Dwar *item* 7.01 - Il-Kunsilliera Dott. Rachel Tua, Alexander Muscat, u Kirby Fenech ikkontestaw t-tneħħija tal-*handyman* s-Sur Marco Briffa li kien twaqqaf mix-xogħol mal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li din il-persuna kellha kuntratt definittiv li kien skada u l-Kunsill kien iddeċiedi li jagħmel kuntratt definittiv ieħor ma' *handyman* wieħed biss minflok tnejn kif kien hemm qabel. Dan kollu sar b'deċiżjoni u approvazjoni tal-Kunsill wara li ttieħed vot u għalhekk ma kienx hemm lok ta' iżjed kiskussjoni dwar dan. Dott. Rachel Tua qalet li legalment hija kienet tal-opinjoni li kien hemm tiġdid taċitu tal-kuntratt.

**2.02** Dwar *item* 9.01, il-Viċi-Sindku Joe De Martino staqsa fiex kienu waslu il-*Courses* tat-TCTC wara li huwa kien iltaqa mad-Direttur tat-TCTC s-Sur Ray Abela. Is-Sindku qalet li kien għadhom deħlin l-applikazjonijiet għal-*courses* tas-sajf.

**2.03** Dwar *item 9.04,* il-Viċi-Sindku Joe De Martino staqsa dwar is-sitwazjoni tal-*patching* tat-toroq. Is-Sindku qalet li kien qed isir xoġħol fuq diversi toroq u dan kien miexi sew. Hija qalet li kien ser isir *major patching* fi Triq il-Kulleġġ. Is-Sur Demartino qal li kien hemm bżonn li jsir ħafna *patching* ~~fi Triq it-Torri~~ madwar il-Mosta kollha. Is-Sur Alexander Muscat staqsa jekk kienx hemm programm għal dan x-xogħol ta' *patching* jew jekk dan kienx qed isir bla programm. Is-Sindku qalet li x-xogħol kien qed isir skont l-ilmenti tar-residenti. Kien hemm ilmenti dwar aktar min 35 triq. Is-Sur Muscat staqsa kemm kien ser jiswa dan ix-xogħol. Is-Sindku

qalet li kien diffiċli li wieħed jikkwantifika l-ispiża f'dan l-istadju. Hija qalet li anke l-*budget* ma' kienx korrett u kienet trid issir reviżjoni tal-*budget*. Is-Sindku fakkret li fl-allokazzjoni kien hemm *ringfenced* fondi li għandhom bilfors jintefqu fuq il manutenzjoni tat- toroq.Sa dan it-tant kienu qed jiġu allokati fondi triq triq. Il- kunsill kien ħa jipprova jagħmel il *patching* tul is sajf biex mbagħad fix xitwa jsir il- *patching* ta' l-emergenza biss.

**2.04** Dwar *item 4.00,* il-Kunsillier Alexander Muscat staqsa jekk kienx hemm xi svilupp dwar Triq id-Dawr. Is-Sindku qalet li kienet bdiet inkjesta kif mitlub mill-Ministeru. Is-Sur Muscat staqsa jekk dan kienx iffisser li l-Kunsill kien ser jistenna r-riżultat tal-inkjesta qabel jitkomplew it-toroq li kienu diġa mibdija u jekk il-problema kienetx waħda legali jew finanzjarja. Is-Sindku qalet li l-problemi kienu kemm legali u kemm finanzjarji.Sa dan it-tant kienu qed isiru xi xogħolijiet biex jitneħħa kemm jista jkun l-inkonvenjent għar-residenti.

**2.05** Dwar *item* 9.02 is-Sindku qalet li hija kienet infurmat lil Lucienne li kien hemm xi spejjes tal-*handyman* u tal-*airconditioner* li trid tħallas sabiex tkun tista tuża s-sala tal-Kunsill għal-lezzjonijiet sakemm jkunu lesti l-*premises* tagħha, iżda din kienet qalet li ma tiflaħx tħallas għal dawn.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri informa li kien jidher li kien hemm diskrepanzi fiż-żamma tal-kotba tal-finanzi (*financial accounts)* tal-Kunsill u għalhekk kien talab li jsiru laqgħat kemm mal-*Accountant* u kemm mal-Awdituri tal-Kunsill. Huwa qal li ma kienx f'pożizjoni li jgħid x'inhi l-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill qabel isir dan. Kien biżżejjed li wieħed jgħid li l-kontijiet tas-sena li għalqet fil- 31ta' Diċembru, 2011 kien għadhom ma'ġewx iċċertifikati mill-Awdituri u lanqas kien għadhom intbagħtu lin-NAO. Dan kien ifisser li l-Kunsill kien qed jirrikorri multi għax ma żammx mad-*deadlines* tad-DLG.

Il-Kunsillier Alexander Muscat staqsa jekk dan kienx ifisser li kienet qed tinkiser il-liġi meta kien qed isir xogħol ta' *patching* meta ma kienx hemm pożizjoni ċara dwar il-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien jirċevi allokazjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali kull tliet xhur u għalhekk kienu qed jinstabu l-fondi sabiex isir ċertu xogħol ta' emerġenza fuq it-toroq u kien hemm il-ħtieġa li jinstabu fondi sabiex jitkomplew dawk it-toroq li kienu nbdew.

Hawn, Il-Kunsillier Dott. Tua qalet li fit-Toroq id-Dawr u Stringel kien tħalla hafna trab taħt il-bankini. Is-Sindku qalet li dan kien veru ghax il kuntrattur ħalla gutter apposta u dan jimlieh bil konkoss meta jagħti it-*tarmac*.

Dwar l-*Accountant* il-Kunsillier Dott. Tua qalet li kien hemm bżonn li jinstab *Accountant* kompetenti iżda dan ma kellux isir fuq bażi politika.

Il-Kunsilliera Dott. Tua, u Kirby Fenech qalu li kienu ntefqu wisq flus għal ftuħ ta' Tat-Targa Battery. Sar infiq żejjed fuq *banners*, *posters* u *leaflets.*

Il-Kunsillier James Cassar qal li hafna mill-ispejjes li saru kienu *sponsored* u l-*billboard* kienet saret b'xejn.

Is-Sindku qalet li kienet ser tippreżenta rendikont tal-ispejjes ta' din l-attivita' aktar il-quddiem.

**4.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif gej:

4.01 Ittra mid-Direttur (DLG) dwar ħatra ta' Agent Segretarju Eżekuttiv - Kontenut innotat.

4.02 Rapport mill-Avukat Antonio Depasquale dwar xogħolijiet fi Triq id-Dawr u Triq l-Istringell - Dan ir-rapport inqara waqt il-Laqgħa tal-Kunsill u l-kontenut ġie innotat. L-avukat Depasquale qabel mar- rapport legali ta Dr Joe Mifsud, l-avukat tal-Kunsill, u żied jgħid fil parir tiegħu li l-Kunsill għandu jara li r rapport tekniku magħmul mill- perit indipendenti għandu jinkludi miegħu *risk assessment* fuq l-istat tat-toroq.

4.03 Ittra mill-Avukat Paul Borg, ta' Dr. Angelo Farrugia & Associates, dwar talba għal-danni fuq vettura BAP509 ta' Derk Psaila minħabba l-istat ħażin ta' Trejqet il-Bajtar - Kontenut innotat u skont l-aħħar deċiżjoni tal-Kunsill dwar każi bħal dawn ma' għandha tittieħed l-ebda azzjoni.

4.04 Ittra mingħand Susan Bonello ta' TM sabiex terġa ssir i-'*Hatch Box'* safra ħdejn *Autofill Fuel Station* fi Triq il-Kostituzzjoni - Il-Kunsill iddeċieda li din għandha ssir. Ghalhekk il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill Ms Bonello u tinfurmaha b' din id-deċiżjoni.

4.05 Rapport min Med Design dwar Triq id-Dawr - Kontenut innotat. Il-Kunsillier Alexander Muscat qal li skont dan ir-rapport l-ispiża kienet ta' Euro 333,359.20 u mhux kif kien indikat qabel.

4.06 E-Mail mingħand il-Kunsillier James Cassar dwar bżonn ta *zebra crossing* quddiem MCAST - Ġie deċiż li ssir talba lil-TM.

4.07 E-Mail mingħand Maria Regina College dwar sewqan eċċessiv min *school buses* fiż-żona tal-iskola f'taż-Żokrija - Is-Sindku wieġbet li saret it-talba lil-TM.

Il-Kunsillier Alex Muscat issuġġerixxa li r-residenti ta' madwar l-iskola għandhom jingħataw il-fakolta li jipparkjaw vetturi privati tagħhom f'parti mill-*parking place* tal-iskola meta dan ma jkunx qed jintuża speċjalment matul il-lejl. Is-Sindku qalet li hija wkoll kienet talbet li l-Kunsill jitħalla juża l-faċilitajiet sportivi tal-iskola. Hija qalet li skont il-Head Master din it-talba għandha ssir lil-KMS. Is-Sindku qalet li r-residenti

tal-madwar għandhom dritt jiġu ikkompensati għal-inkonvenjent li qed toħloq din l-iskola. Il-kunsillier Alex Muscat qal li l-Kunsill ma' għandux jaċċetta r-rifjut tal-Head Master f'dan ir-rigward u għandha tinstab il-persuna adatta li lilha għandhom isiru dawn it-talbiet legittimi tar-residenti.

**5.00 Tenders li jridu jiġu deċiżi mill-Kunsill**

Inqraw ir-rakkomandazjonijiet tas-Sotto Kumitat tal-Aġġudikazjoni tal-Kuntratti (rapport annex) u ġie deċiż unanimament kif ġej:

5.01 KLM 09/10 – Tiswija ta' diversi Niċeċ madwar il-Mosta - Ġie deċiż li bil-fondi limitati li kien baqa mill-iskema jsir biss xogħol fuq żewġ niċeċ, dik ta' San Pawl u ta' Sant Anġelicus Martyr mid-ditta Agius Marble Works kif irrakkomandat mis-Sotto Kumitat. Agius Marble Works kienet l-unika kumpanija li tefgħet it- tender.

5.02 KLM 06/11 - Manutenzjoni tal-Latrini fil-Mosta - Ġie deċiż li dan il-kuntratt jingħata lis- Sur Frank Mifsud kif irrakkomandat mis-Sotto Kumitat. Frank Mifsud tefa' it-tender għas-somma ta' Euro 10,500 fis-sena. Il Bord kien qed jagħmel rakkomandazzjoni li Frank Mifsud jingħata il- kuntratt għal sena u dan bil jedd li jiġġedded kull sena għal tlett snin.

5.03 KLM 05/10 - Restawr tal-Pont ta' l-Isperanza taħt il-Miżura 323 - Ġie deċiż li dan il-kuntratt jingħata lid-ditta Vaults Ltd kif irrakkomandat mis-Sotto Kumitat.

Is-Sindku spjegat fiex jikkonsisti dan il-proġett tal-Miżura 323. Hija qalet li minbarra r-restawr tal-pont kien hemm xogħol ieħor xi jsir bħal tiswija tal-ħitan tas-sejjieħ u tindif ta' parti mill-wied. Hija kellha laqgħa mal-perit u sar qbil li dawn x-xogħolijiet oħra li kien fadal jinħarġu f'sejħa publika waħda. Hija kienet ikkonfermat mas-Sur Naudi (MRRA) dwar dan. Hija kienet ukoll kitbet lis-Sur Naudi dwar jekk kienx hemm diffikulta li l-parti tal-wied li kellha titnaddaf tiċkien minħabba problema ta' aċċess. Risposta dwar dan kien għad ma waslitx.

5.04 KLM 04/11 – Playing Field ta' Ġnien Reġġie Ċilia - Is-Sindku spjegat li kienet reġgħet saret talba oħra ta' DNO lill-MEPA dwar il-playing field għaliex dik eżistenti kienet skaduta. Kitbet ukoll lil MEPA sabiex tiġi estiża d-data sa meta għandu jitlesta x-xogħol skont il-kuntratt li l-Kunsill kellu mal- UIF. Ghandha ssir laqgħa oħra mal – MEPA u il-Kunsill biex jsir ftehim għall-allokazzjoni tal-fondi għal dan il proġett mill- UIF. Il- bord irrkmandha li il- kuntratt jingħata lil JGC li kien l-irħas *tenderer.*

**6.00 Ismijiet Ġodda għal-Toroq fil-Mosta.**

Ġie deċiż li ssir talba lill-Kumitat Għat-Tismija tat-Toroq sabiex isiru numri ġodda tar-residenzi fi Triq il-Waqqafa għaliex jeżistu numri duplikati fl-istess triq li hija maqsuma f'żewġ partijiet.

**7.00 Coach Parking fil-Pjazza u Timed Parking Zone fit-Toroq tal-Mosta.**

Ġie deċiż li dawn iż-żewġ *items* jiġu ikkonsidrati b'mod ħollistiku flimkien ma' traffic management li għandu jsir għal-lokalita' kollha.

Ġie maħtur Sotto Kumitat magħmul mill-Kunsilliera Keith Cassar u James Cassar sabiex jistudja u jirrevedi r-rapport dwar Traffic Management fil-Mosta li kien sar mill-ex-Kunsillier il-Perit Chris Grech u jirraporta lura lill-Kunsill fi-żmien 8 gimgħat . Wara għandu jsir *consultation meeting* mar-residenti u ssir talba lil-TM għal-implimentazjoni tar-rapport kif jiġi approvat mill-Kunsill.

**8.00 Affarijiet Oħra**

8.01 Il-Kunsillier Abraham Bezzina talab li jissewwew id-dwal taż-*zebra crossings* f'Indipendence Avenue ħdejn id-Dar tal-Anzjani.

8.02 Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua qalet li kien hemm bżonn issir xi ħaġa dwar il-fatt li meta jkun hemm il-Monti, il-garaxxijiet tar-residenti jiġu imblokkati u ma' jkunx possibli li jintużaw.

8.03 Il-Viċi-Sindku Joe De Martino qal li minkejja li kien sar qbil li l-Kunsill jiltaqa mad-diriġenti tal-Arriva dwar problemi tat-trasport publiku, kien għadu ma' sar xejn. Huwa qal li kien importanti li ssir laqgħa mar-residenti dwar l-ilmenti li dawn għandhom f'dan ir-rigward.

Huwa semma wkoll li tabella tal-*one-way* fi Triq il-Qares kienet inqalgħet u din għandha terġa titpoġġa wara li jiġu ikkonsultati TM dwar jekk din it-triq hijiex *one* jew *two-way*.

Is-Sur De Martino staqsa x'kien li *speed-limit* fi triq il- Pont għaliex kien hemm tabella li tindika *speed-limit* ta' 60km. u huwa li din kienet z bolgjata. [signature]

Fi triq il – pont mal-kantuniera ħdejn tal funerali meta jsir xi aċċident il-karozzi jidħlu fil- kantuniera u s – Sur Demartino qed jissuġġerixxi li jsiru xi *bollards* hemmhekk. Huwa semma wkoll il-bżonn ta' *soft-flooring* fil-*playing -fields* tal-Mosta. Is Sindku qalet li kien sar *survey* sħiħ mill-awtoritajiet konċernati fuq il-playing fields fil- Mosta kollha u il-Kunsill ħa jkun ħa jirrevedi dan is-*survey* fil- futur qarib.

8.04 Il-Kunsillier Keith Cassar qal li l-ġbir ta' skart kien qed isir kmieni wisq. Huwa qal li boroż taż-żibel kienu qed jinġabu fil-pjazza min Triq Kurat Calleja u dan kien jagħmel ikrah għaliex il-pjazza kient qed tispiċċa miżbla għal-ħinijiet twal. Barra min dan il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat li l-ħaddiema tiegħu kienu qed iħaltu l-iskart domestiku tal-boroż suwed ma' dak riċiklabli tal-boroż griżi. Sar qbil li jsir appuntament għal-laqgħa bejn is-Sur Joe Attard tal-Green Mt u l-Kunsilliera Dott. Rachel Tua dawr dan.

8.05 Il-Kunsillier Mario Sammut staqsa x'kienet il-pożizjoni dwar il-*bollards* ta' Triq l-Isperanza u jekk dawn kienux ser jerġgħu jsiru. Sar qbil li TM jintalbu permess sabiex isiru *bollards* kemm fi Triq l-Isperanza u anke fi Triq il-Parroċċa.

Huwa talab ukoll li jsir il-pavimentar ta' Sqaq Xorxa. Is-Sindku qalet li din t-talba tiġi ikkunsidrata aktar tard u sa dan it-tant isir il-*patching* li hemm bżonn.

8.06 Il-Kunsillier Marthese Mifsud talbet li jinstab xi *sponsor* sabiex isir il-monument tal-mudell tal-pont tal-ħadid fir-roundabout fi Triq id-Difiża Ċivili. Hija talbet ukoll li tinbidel it-tabella li hemm fuq il-mudell għaliex din xejn ma kienet pulita.

8.07 Is-Sindku qalet li kien hemm bzonn ta' mera fi Triq id-Difiża Ċivili faċċata tal-Iskola tal-MCAST.

**9.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgha spiccat fil-10.10 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ġimgha, 8ta' Ġunju, 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

**Dott. Shirley Farrugia**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Agent Segretatju Eżekuttiv.**